**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Kevin Saliba**
**(ID 215875(M))**

**DENUNZJA**

**Illum, 29 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat illi **Kevin Saliba**, iben Salvu u Dolores nee` Agius, imwieled il-Pieta` nhar l-4 ta' Mejju 1975, residenti fil-fond numru 231, Triq Sant'Elena, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 215875(M) kien ġie akkużat quddiemha talli fil-11 ta' Settembru 2011, ġewwa l-Imsida, kif ukoll f'dawn l-aħħar ġimgħat, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga

msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga methadone, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Aktar talli sar reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, nhar il-25 ta' Settembru 2006 mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LLD, nhar is-27 ta' Lulju 2008 mill-Maġistrat Dr. A. Mizzi LLD, nhar id-19 ta' Jannar 2009 mill-Maġistrat Dr. L. Quintano LLD u nhar it-28 ta' Ġunju 2011 mill-Maġistrat Dr. E. Grima LLD, liema sentenzi saru definittivi;

4. U aktar talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta nhar it-28 ta' Ġunju 2011 mill-Maġistrat Dr. E. Grima LLD, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza mogħtija minnha fir-rigward tal-istess **Kevin Saliba** nhar **l-20 ta' Mejju 2016**, permezz ta' liema sentenza wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikoli 28B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (b'dan illi

fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni limitatament għall-ġimgħat ta' qabel il-11 ta' Settembru 2011 u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni limitatament għall-11 ta' Settembru 2011), iżda fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħditu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni kellha tifforma parti integrali mill-istess sentenza u in oltre ikkundannatu għall-piena ta' multa ta' sitt mitt ewro (€600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fiż-żmien xahar mid-data tas-sentenza. B'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kellu jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, astjeniet milli tagħmel ordni bis-saħħa tal-Artikolu 28B(1) tal-istess Kapitolu 9.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-*Probation* u kemm il-darba ma jsegwix il-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

In oltre ordnat illi kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*[1];

Rat in-nota tas-*Senior Probation Officer* Ivan Sultana tat-3 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha, huwa nforma lill-Qorti illi l-Uffiċjal tal-*Probation* Marietta Lanzon ġiet nominata sabiex issegwi lill-*Probationer* matul l-Ordni ta' *Probation* fuq imsemmija;

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* Marietta Lanzon, ippreżentat minnha fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 2016, li permezz tiegħu għamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nformat lill-Qorti illi l-*Probationer* i) naqas milli joqgħod għad-direttivi mogħtija lilu mill-istess Uffiċjal tal-*Probation* sabiex huwa joqgħod il-bogħod mill-vizzju tad-droga; u ii) naqas milli jzomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċju u mal-Uffiċjal tal-*Probation,* skont id-direttivi mogħtija lilu[2];

[1] Ara s-sentenza a fol. 49 *et seq* tal-proċess, kif ukoll l-Ordni tal-*Probation* a fol. 56 *et seq* tal-proċess.
[2] Ara a fol. 60A tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-imsemmija Uffiċjal tal-*Probation* u tal-Uffiċjal tal-*Probation* Dorian Cornelius, li kompla jsegwi lill-imputat wara l-Uffiċjal tal-*Probation* Marietta Lanzon, rat ukoll in-noti esebiti minnu dwar l-andament tal-*Probationer* u semgħet lid-difiża tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hija sodisfatta illi l-imsemmi **Kevin Saliba** naqas milli jħares il-ħtiġiet tal-Ordni ta' *Probation*, fosthom, li joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-*Probation* li jistgħu jingħatawlu minn żmien għal żmien u l-ħtieġa illi jibqa' f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation* skont l-istruzzjonijiet li jingħata minnha u li jattendi għal-laqgħat kollha li hija tiffissa minn żmien għal żmien, kif ukoll illi jikkonsulta mal-professjonisti li jigu referuti lilu mill-Ufficjal tal-*Probation*.

Jirriżulta fil-fatt mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* illi qabel saret id-denunzja odjerna, il-*Probationer* ma kienx qiegħed jattendi għall-appuntamenti magħha ġewwa d-Dipartiment, reġa' beda jieħu d-droga, ma baqax jattendi ġewwa l-Aġenzija Caritas u lanqas ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox*.  L-istess Uffiċjal tal-*Probation* tispjega illi sakemm il-*Probationer* kien qed jistenna li jinqatgħu l-proċeduri li eventwalment wasslu għas-sentenza tal-20 ta' Mejju 2016, huwa kien miexi tajjeb u fil-fatt għamel sforz kbir sabiex iżomm il-bogħod mid-droga u kien anke jattendi għall-appuntamenti tiegħu magħha u mal-Aġenzija Caritas, iżda wara li ngħatat din is-sentenza u serraħ rasu, huwa reġa' qabad it-triq tan-niżla.  Tgħid illi hija tatu opportunita` bejn Lulju u Diċembru 2016 sabiex jerġa' jirradrizza ruħu, iżda huwa ma riedx jaf u ħasset li ma setgħet tagħmel xejn iżjed miegħu.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, imbagħad, sax-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* tas-27 ta' Settembru 2017, l-atitudni tal-*Probationer* qajla tjiebet u għalkemm reġa' beda jieħu l-*methadone* u attenda xi drabi ġewwa l-Aġenzija Caritas, din l-attendenza ma kinitx waħda regolari, għamel xhur ma jattendix għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation* u baqa' jirriżulta fil-posittiv għad-drogi kokaina u eroina.

Bejn din ix-xhieda ta' Settembru 2017 sax-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* tal-20 ta' Marzu 2018, l-attendenza tal-*Probationer* għas-sessjonijiet tiegħu mal-Uffiċjal tal-*Probation* tjiebet, beda jaħdem f'impjieg mhux regolarizzat, beda jattendi ġewwa l-Aġenzija Caritas, daħal dar l-Impenn u anke mar ix-Xelter, iżda sussegwentement irrifjuta li jidħol fil-programm ġewwa San Blas, minkejja li dan kien l-intendiment mal-Uffiċjal tal-*Probation*, u dan skont hu, għaliex ried jagħmel *evening programme*, minkejja li f'dak l-istadju ma kienx eliġibbli għalih.

Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* tat-18 ta' Ġunju 2018, imbagħad, jirriżulta illi fil-waqt illi attenda għall-appuntamenti kollha li ngħata mill-Uffiċjal tal-*Probation* mill-14 ta' Mejju 2018 'il quddiem, test tal-urina li tteħidlu fit-13 ta' Ġunju 2018 irriżulta fin-negattiv għad-droga. Minn dakinhar, ħlief għal test wieħed li rriżulta fil-pożittiv għall-kokaina f'Marzu 2019, it-testijiet kollha li ttieħdu lill-*Probationer* ġewwa d-Dipartiment irriżultaw fin-negattiv għad-droga. Sal-aħħar xhieda li ngħatat mill-Uffiċjal tal-*Probation* fis-6 ta' Mejju 2019, huwa kien qed jattendi għas-sessjonijiet mal-istess Uffiċjal tal-*Probation* b'mod iżjed regolari, u meta falla għamel dan ġeneralment minħabba raġunijiet ta' xogħol, żewġ testijiet tal-urina rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti u kien qed jattendi wkoll ġewwa l-Aġenzija Caritas.

Mill-aħħar xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* fis-6 ta' Mejju 2019, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* ippreżenta żewġ noti fir-Reġistru ta' din il-Qorti dwar l-andament tal-*Probationer* – waħda fil-25 ta' Settembru 2019 u oħra fit-28 ta' Mejju 2020. Mill-ewwel nota, jirriżulta illi l-*Probationer* baqa' jattendi għall-appuntamenti mogħtija lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* u informa lill-istess Uffiċjal meta ma setax jagħmel dan, għamel perjodu ta' ħmistax jabbuża mid-droga wara li kellu diversi argumenti ma' ħuh f'Ġunju 2019, minn jeddu għażel li jidħol ġewwa l-Isptar Monte Karmeli sabiex ma jerġax jaqbad it-triq tan-niżla, wara li ġie rilaxxjat kompla jattendi ġewwa l-Aġenzija Caritas, f'Settembru 2019 ġie ammess ġewwa Dar l-Impenn skont il-pjan li ġie mfassal u minn hemmhekk ġiet trasferit ġewwa x-Xelter. Skont din in-nota, l-istess *Probationer* kien sejjer tajjeb ħafna u kien qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jaħdem fuq il-problema tad-droga.

Mit-tieni nota, imbagħad, jirriżulta illi fil-frattemp, il-*Probationer* daħal fil-programm ta' San Blas, iżda wara xi żmien ġie sospiż minħabba argument li kellu ma' resident ieħor. Wara li għadda ż-żmien tas-sospenzjoni, reġa' daħal San Blas, instab fin-negattiv għal sustanzi lleċiti, iżda telaq mill-programm fuq kwistjonijiet ta' xogħol li huwa ġie assenjat hemmhekk. Attenda wkoll għall-appuntamenti mogħtija lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* fi Frar 2020 u rriżulta fin-negattiv għad-droga, fil-waqt li wera wkoll id-dispjaċir tiegħu li ma kienx baqa' fil-programm. Baqa' wkoll jattendi ġewwa l-Aġenzija Caritas u hemmhekk jissottometti ruħu għal testijiet tal-urina li wkoll irriżultaw fin-negattiv.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti tqis illi l-*Probationer* wera inkonsistenza kbira waqt il-perjodu tal-Ordni tal-*Probation* u kien hemm perjodu ta 'l fuq minn sena waqt l-istess Ordni li fih l-atitudni tiegħu kienet tassew ħażina, tant illi fil-maġġor parti la kien jattendi għall-

appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation*, la ried jattendi ġewwa l-Aġenzija Caritas kuntrarjament għar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-*Probation* u baqa' jagħmel użu mid-droga. Biss ma jistax jingħad illi l-*Probationer* m'għamilx progress fil-mori ta' din id-denunzja. Fil-fatt l-attendenza tiegħu għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation* tjiebet, kif tjiebet ukoll l-attendenza tiegħu ġewwa l-Aġenzija Caritas, u ħlief għal żewġ *relapses* li kellu fi żminijiet differenti, it-testijiet tal-urina baqgħu jirriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Wara t-tieni *relapse*, il-*Probationer* minn jeddu fittex li jottjeni l-għajnuna, ġie rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, daħal ukoll ġewwa Dar l-Impenn, fix-Xelter u eventwalment beda programm ta' rijabilitazzjoni ġewwa San Blas. Għalkemm dan ma kkompletahx, ma jidhirx li dan kien b'riżultat ta' nuqqas ta' motivazzjoni da parti tiegħu; anzi sussegwentement kompla jattendi għall-appuntamenti mogħtija lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* u anke ġewwa l-Aġenzija Caritas u baqa' jirriżulta fin-negattiv għad-droga.

Fiċ-ċirkostanzi, għalkemm kien hemm perjodu fil-mori tad-denunzja, li fih il-*Probationer* ċertament illi wera l-intenzjoni li ma riedx isegwi l-Ordni, biss wara ċertu żmien, l-atitudni tiegħu tjiebet ferm u wera iżjed motivazzjoni u impenn lejn ir-rijabilitazzjoni tiegħu, tant illi anke wara li diġa` kienet skadiet l-Ordni odjerna, huwa baqa' f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation* u mal-Aġenzija Caritas, għamel passi konkreti fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga u baqa' jżomm il-bogħod minnha. Għaldaqstant fid-dawl tal-progress sostanzjali li għamel il-*Probationer*, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex titratta miegħu għar-reati li tagħhom huwa kien instab ħati permezz tas-sentenza tagħha tal-20 ta' Mejju 2016, iżda qegħda minflok twaħħlu l-ammenda li tikkontempla l-liġi għall-ksur tal-Ordni tal-*Probation*.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li tqis li ġie ppruvat għas-sodisfazzjoni tagħha illi l-*Probationer* **Kevin Saliba** naqas milli jsegwi l-ħtiġiet tal-Ordni tal-*Probation* imposta fuqu minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tal-20 ta' Mejju 2016, qed twaħħal lill-istess *Probationer* ammenda ta' mitejn u tletin ewro (€230).

Natasha Galea Sciberras
Magistrat